Tribunal tal-Appelli dwar l-Informazzjoni u l-Protezzjoni tad-Data

Malta

Information and Data Protection Appeals Tribunal

# TRIBUNAL TAL-APPELLI DWAR L-INFORMAZZJONI U L- PROTEZZJONI TAD-DATA

**Appell Numru 28/2016**

## Karl Baldacchino

## Vs

## Il-Kummissarju għall-informazzjoni u l-Protezzjoni tad-Data u li b'digriet tat-13 ta' Ottubru 2016 l-Environmental Landscape Consortium ġie ammess bħala intervenut f'dan l-appell

Illum 16 ta' Frar 2017

Chairman: Dr Anna Mallia LL.D., LL.M. (Lond), Dip.Tax
Membri : Mr Charles Cassar M.B.A.(Exec.), Dip.Lab.Stud., Cert.Mediator (UK)
Mr David Bezzina HNDip C.S., BSc IT (Hons)

It-Tribunal

Ra t-talba tal-appellant lil Kummissarju appellat tal-4 ta' Diċembru 2015.

Ra d-deċiżjoni tal-Kummissarju għal tali talba tal-15 ta' Frar 2016 li permezz tagħha t-talba tal-appellanti ġiet miċħuda.

Ra l-appell tal-appellanti u r-risposta tal-Kummissarju appellat.

**Ikkunsidra**

Li l-appellanti qed jitlob rimedji taħt il-liġi tal-Protezzjoni tad-Data stante li skond hu ċertu spettur Sandro Camilleri semma fuq il-paġna tal-facebook tiegħu li l-appellanti kien allega li ra surġent tal-pulizija kien qed jixrob ġewwa Pacville madwar sena ilu u li s-surġent ġie investigat u ttieħdu proċeduri kontra tiegħu u ħarreġ liberat jiġifieri dan Karl Baldacchino gideb u filfat hemm anki proċeduri kontra tiegħu u li din l-informazzjoni setgħa biss ġabha minħabba l-kariga tiegħu fil-pulizija. L-agravji huma erba': li d-data ġiet a konjizzjoni ta' Camilleri bħal uffiċjal pubbliku; li Camilleri kien qed jaġixxi bħala uffiċjal pubbliku; li bħala uffiċjal pubbliku kien qed jagħti data personali sensittiva dwar l-appellanti; r-raba huwa li l-facebook post ta' Camilleri huwa wieħed politiku.

Li fir-risposta tiegħu l-Kummissarju qed jikkontendi li t-talba tal-appellanti ma ġietx milqugħa stante li l-Kap 440 ma japplikax skond l-artikolu 5 (a) għal tali data hija mogħtija minn persuna fil-kors tal-attività personali tagħha. Li dak li qal Sandro Camilleri kien fil-kapaċità personali tiegħu u mhux fuq dak li għandu għan-nom tal-Police Officers Union. Li skond l-Union adottata permezz tal-Artiklu 29 Data Working Party, jistipula li wieħed li jagħmel użu mis-social network service , jiġifieri min juża l-facebook, ma jaqghax taħt il-funzjoni tal-Kontrollur tad-Data sakemm "the user acts on behalf of a company or association to advance commercial, political or charitable goals, or a post made by a user is not limited to self-selected contacts but is extended to all members within the SNS, i.e. the user operates an open profile and all the information is automatically available to any user who gains access to such profile or the information posted in a profile is indexable by search engines.

Fil-fehma tal-kummissarju għalhekk Sandro Camilleri 'is not acting on behalf of a company or association as he wrote the post on is personal Facebook page; the post is strictly limited to his self-selected contacts and the post is not indexable by search engines u għalhekk t-talba tal-appellanti għandha tiġi miċħuda.

Il-Kummissarju ssottometta wkoll fir-risposta tiegħu li Camilleri informah li kien qed jirreferi għal proċeduri ta' malafama li beda is-surġent Ramon kontra l-appellanti u mhux għal proċeduri kriminali mibdija kontra l-istess appellant mil-pulizija.

Dwar l-Opinion document li jgħid *"even if the household exemption does not apply, the user may benefit from other exemptions such as the exemption for journalistic purposes, artistic or literary expression. In those cases a balance needs to be struck between freedom of expression and the right to privacy"* u li skond l-istess Kummissarju anke jekk l-household

exemption ma tapplikax, d-dritt tal-libertà tal-espressjoni għandu jingħata konsiderazzjoni stante li kull persuna għandha dritt tesprimi lilha innifisha fuq medium tal-komunikazzjoni.

Ra l-provi prodotti.

Semgħa l-partijiet jittrattaw il-każ.

**Ikkunsidra ulterjorment**

Illi l-Article 29 Data Protection Working Party huwa Group maħluq mill-Unjoni Ewropea sabiex jagħti pariri lil policymakers madwar l-Ewropa dwar l-promozzjoni tal-ligijiet dwar il-protezzjoni tad-data.

Issa dwar l-artiklu 5(a) tal-Kap 440 li jeskludi l-applikazzjoni ta' dan il-kap jiġi rilevat s-segwenti:

F'deċiżjoni dwar preliminary ruling fil-Każ C-212/13 *Rynes v urad pro ochranu Osobnich Udaju*, 11.12.2014 magħruf bħala Rynes, fejn kien Każ ta' kamera stallata mil-garr għas-sigurtà tal-proprjetà tiegħu u ġiet invokata din l-eċċezzjoni, l-Qorti rriteniet: "*However, to the extent that the video surveillance covers, even partially, a public space and is accordingly directed outwards from the private setting of the person processing the data, it cannot be regrded a s a purely personal or household activity. Thus the consent of the data subject would be required to process his data.*"

Rigward l-libertà tal-espressjoni imqajma mil-Kummissarju, fil- *Lindquist* case, (C-101/01 Lindquist 6.1.2003) ġie ritenut li: *Data protection and freedom of expression must be balanced against each other and the regime of the Directive provides in itself multiple mechanisms allowing a balancing of the different fundamental rights to be carried out. Therefore it is not a disproportionate violation of the principle of freedom of expression* ( para 82.87 and para 90).

Fl-istess Każ l-Qorti tal-Unjoni Ewropea fi preliminary ruling meta mistoqsija jekk wieħed isemmi persuna b'isimha u bit-telefon number fuq homepage tal-internet taqgħax taħt li skop tad-Direttira 95/46, l-Qorti li "*The name of a person in conjunction with his/her telephone number and information about working conditions or hobbies constitute personal data (para.24) u li "The operation of loading personal data on an internet page is processing by automatic means (para 24) u li Mrs Lindquist's activities were mainly charitable and religious, but these are not covered by the exceptions in Article 3(2) of the Directive and cannot be considered exclusively personal or domestic* (para 45.47).

Illi dwar il-Kap 440 tal-Ligijiet ta' Malta, jiġi rilevat li d-definizzjoni ta' 'sensitive data' kemm taħt il-Konvenzjoni 108 (artiklu 6) u id-Data Protection Directive (artiklu 8) data personali rigward saħħa u ħajja sesswali jaqgħu taht 'personal data'.

Rigward 'personal data' din dejjem ġiet interpretata bħala li it *'covers information pertaining to the private life of a person as well as information about his or her professional or public life.'* U fil-kaz *Bodil Lindqvist vs Aklagarkammaren I Jonkoping* – case Commissioner - 101/01 European Court of Justice mogħti fid-19 ta' Settembru 2002, ġie ritenut fl-Opinjoni

tal-avukat Generali Tizzano para 24 li 'The terms *'personal data' undoubtedly covers the name of a person in conjunction with his telephone number or information about his working conditions or hobbies."*

L-artikolu 2 tal-Kap 440 jagħtih definizzjoni ta' 'data personali u 'data personali sensittivi' . B'data personali l-istess Kap jgħid li *tfisser **kull informazzjoni** li tirrigwarda persuna naturali identifikata jew identifikabbli: persuna identifikabbli hija persuna li tista' tiġi identifikata, direttament jew indirettament, b'mod partikolari b'referenza għal numru ta' identifikazzjoni jew għal xi fattur wieħed jew iktar speċifiku għall-identità fiżika, fiżjoloġika, mentali, ekonomika kulturali jew soċjali tagħha.* Filwaqt li 'data personali sensittivi ' skond l-istess Kap 440 tfisser *'data personali li jkunu jiżvelaw r-razza jew l-oriġini etnika, fehmiet politiċi, twemmin reliġjuż jew filosofiku, sħubija fi trade union, saħħa jew attività sesswali'.*

Inoltre l-Qrati tal-Unjoni Ewropea kemm-il darba rritenew li "the right to respect for private life, embodied in article 8 of the ECHR and deriving from the common constitutional traditions of the Member States, is one of the fundamental rights protected by the legal order of the Community, It includes in particular a person's right to keep his state of health secret."

Article 2(a) of Regulation 45/2001 jiddefinixxi "personal data" as *any information relating to an identified or identifiable natural person*; filwaqt li l-artiklu 2(b) tal-istess regolament jiddefinixxi i "processing of personal data " bħala "*any operation or set of operations which is performed upon personal data, whether or not by automatic means, such as collection, recording, organization, storage, adaptation or alteration, retrieval, consultation, use, disclosure by transmission, dissemination or otherwise making available, alignment or combination, blocking, erasure or destruction*".

Magħmula dawn il-konsiderazzjonijiet legali, jonqos li jiġi analizzat jekk il-Kummissarju għandu raġun meta jgħid li dak li qed jitlob l-appellanti ma hux konformi mal-Kap 440 stante li dan il-Kap ma japplikax għall-aġir ta' nies fil-kapaċità personali tagħhom iżda japplika għal aġir tal-kontrollur tad-data f'dan il-Każ il-Kap ta' fejn jaħdem l-istess Camilleri.

Mil-Kummissarju, mill-provi jirrizulta li Sandro Camilleri għadu fil-pulizija u jinsab on secondment mal-General Workers Union bħala president tal-Union imsemmija fl-istess facebook page prodotta mill-appellanti, u li għalhekk fil-kotba tal-pulizija u għad għandu aċċess għal dak li jiġri fil-pulizija. F'dan il-Każ dak li żvela fuq l-facebook cioe li ttieħdu proċeduri kriminali kontra l-appellanti għal malafama. Iżda żgur dan it-Tribunal ra li tali informazzjoni ma ġietx żvelata fuq paġna tal-Kontrollur cioe la tal-Kap fejn jaħdem Camilleri u lanqas tat-taqsima li jirrappreżenta.

Illi għalhekk dan it-Tribunal qed jilqa' dak sollevat mil-Kummissarju fir-risposta tiegħu cioe li dak li qed jitlob l-appellanti huwa prekluz ai termini tal-artikolu 5(a) tal-Kap 440 stante li sar minn Sandro Camilleri bħala persuna privata. Veru li din l-informazzjoni Camilleri setgħa ġabha grazzi għal kariga tiegħu ta' pulizija li għadu jżomm fil-korp, però l-aġir ta' Sandro Camilleri ma jikkostitwixxix ksur tad-dispożizzjonijiet tal-Kap 440 tal-Liġijiet ta' Malta.

**Għaldaqstant dan it-Tribunal jaqta' u jiddeċiedi billi jiċħad l-appell tal-appellanti u jikkonferma d-deċiżjoni tal-Kummissarju tal-15 ta' Frar 2016.**

Dr Anna Mallia
Chairperson

Mr Charles Cassar
Membru

Mr David Bezzina
Membru